**202. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTJA B'ENFITEWSI LILL-GOLDEN SANDS LIMITED TA' ART F'GĦAJN TUFFIEĦA, LIMITI TAL-MANIKATA

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti b'enfitewasi lill-Golden Sands Limited art f'Għajn Tuffieħa, limiti tal- Manikata, deskritta fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz ;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu ( ċ ) tas- subartikolu ( 1 ) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil- ħin tat- trasferiment ";

U billi huwa xieraq li t- trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Għajn Tuffieħa, limiti tal-Manikata, deskritta fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, tista' tiġi mogħtija lill-Golden Sands Limited, għaż-żmien, biċ-ċens u skond il- pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess Abbozz.

30.07.1979